**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 154**

L-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippresjeda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi u l-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Chris Said kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Graziella Attard Previ u l-Onor. Alex Borg kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 153 li saret fl-10 ta' Ottubru 2023 kienu kkonfermati.

**DEĊIŻJONI TAS-SEDJA**

L-Ispeaker ta ruling dwar it-talba tal-Onor. Darren Carabott u tal-Onor. Ian Vassallo dwar mistoqsijiet parlamentari li huma għamlu lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa rispettivament, u li baqgħu mhux imwieġba.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2326 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-kawża bl-ismijiet Absolute Holding Limited (C-55534) vs X (Rikors Numru 44/2021 ISB), deċiża fis-6 ta' Ottubru 2023.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11335 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2327 Rapporti tal-Occupational Health and Safety (OHS) maħruġa minn Armor Consultants Ltd għal Triq il-Kostituzzjoni, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Triq Mattew Callus u Triq Grognet datati l-1 ta' Awwissu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11692;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2328 Tabella li turi n-numru ta' prodotti li ġew irtirat mis-suq bejn l-2016 u l-2023, maqsuma skont it-tip u sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11431,

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2329 Tabella li turi informazzjoni dwar in-numru ta' persuni impjegati mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, maqsuma skont il-grad bejn l-1 ta' Jannar 2023 u 2 ta' Ottubru 2023 maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11819;

P.L. 2330 Rapport Annwali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għas-sena 2022;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2331 Tabella li turi informazzjoni dwar konsulenti mal-Air Malta fil-perjodu bejn Frar 2015 u Lulju 2024, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 11724;

P.L. 2332 Kuntratt ffirmat bejn l-Air Malta u Knighthood Global datat 24 ta' Ġunju 2022, flimkien ma' żewġ estensjonijiet datati 18 ta' Jannar u 18 ta' Lulju 2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 11725; u

f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2333 Lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar fejn hemm defibrillator, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 9889.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2334 Stqarrija għall-Istampa maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea 'Press statement by President von der Leyen with Maltese Prime Minister Abela', datata 29 ta' Settembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11723.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2335 Lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministru għall-Ġustizzja fejn hemm defibrillator, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 9890.

## TALBA GĦAL RULING

L-Onor. Ivan Castillo ġibed l-attenzjoni tas-Sedja illi l-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, għal diversi drabi naqas milli jwieġeb għall-mistoqsija parlamentari dwar art mibnija u mhux mibnija f'Malta.

Is-Sedja ħadet nota tat-talba tal-Onor. Ivan Castillo u qalet li kienet se tagħti ruling fi stadju ulterjuri.

## KONDOLJANZI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Gvern, il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Oppożizzjoni, esprimew il-kondoljanzi tagħhom wara l-mewt tal-Eks Membru Parlamentari s-Sinjura Ċettina Darmenia Brincat, li ġrat fil-5 ta' Ottubru 2023.

L-Ispeaker ingħaqad maż-żewġ naħat tal-Kamra fis-sentimenti espressi u talab lill-Iskrivan tal-Kamra biex iwassal il-kondoljanzi lill-familja tas-Sinjura Darmenia Brincat.

P.L. 2336 Ktejjeb maħruġ mill-Uffiċċju tal-Ispeaker b'tifkira tal-Eks Deputat Ċettina Darmenia Brincat.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

## 1. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR L-AGRIKOLTURA – ABBOZZ NRU 50

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura.

L-Onor. Romilda Zarb issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jipprovdi għar-regolazzjoni, il-protezzjoni, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-agrikoltura f'Malta u kwistjonijiet inċidentali għaliha" inqara t-tielet darba u għadda.

## 2. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR EMENDI U TĦASSIR TA' LIĠIJIET VARJI DWAR L-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ABBOZZ NRU 37

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

L-Onor. Romilda Zarb issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda jew iħassar liġijiet varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, u dwar oqsma relatati u anċillari għalihom" inqara t-tielet darba u għadda.

## 3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA ESKLUSSIVA U LIĠIJIET VARJI – ABBOZZ NRU 62

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva u Liġijiet Varji.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva, Kap. 625 u sabiex isiru emendi konsegwenzjali għal diversi liġijiet oħra b'konnessjoni mad-deżinjazzjoni ta' medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent sabiex jiġu regolati l-attivitajiet fiha u jiġu provduti dawk il-kwistjonijiet anċillari jew inċidentali għalihom jew konnessi magħhom" inqara t-tielet darba u għadda.

## 4. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA – ABBOZZ NRU 3

Il-Kamra rriżumiet mill-10 ta' Ottubru 2023 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Owen Bonnici, għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici u l-Onor. Robert Cutajar għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra qablet li d-diskussjoni fuq dan l-Abbozz ta' Liġi tiġi interrotta u li l-Kamra tgħaddi għall-ħames item fuq l-aġenda.

## 5. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI - ABBOZZ NRU 20

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

L-Onor. Romilda Zarb issekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Andy Ellul għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Karol Aquilina, għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ġustizzja ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.01 p.m. is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |

Jew xi aġenda oħra li tiġi komunikata aktar tard.

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Clayton Bartolo.

Fis-7.26 p.m. l-Ispeaker, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**